# KAPITOLU 315

## ATT DWAR IL-KONTROLL TAT-TIPJIP TAT-TABAKK

*Biex jagħmel disposizzjonijiet dwar il-kontroll tat-tipjip tat-tabakk u dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu miegħu.*

1 ta' April, 1987;
25 ta' April, 1987;
15 ta' Ġunju, 1987;
15 ta' Settembru, 1987;
1 ta' Jannar, 1988

*L-ATT XLII ta' l-1986, kif emendat bl-Att IX ta' l-2003; u bl-Avviż Legali 424 ta' l-2007.*

**1.** It-titolu fil-qosor ta'dan l-Att hu l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk. Titolu fil-qosor.

**2.** F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra - Tifsir. *Emendat: IX. 2003.51.*

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika u tinkludi, fil-limitu tas-setgħa mogħtija, kull min hu awtorizzat jidher għalih għal xi għan ta' dan l-Att;

"persuna" tinkludi enti morali stabbilit bil-liġi;

"post pubbliku" tinkludi kull post fejn il-pubbliku jista' jidħol jew għandu permess jidħol, kemm bi ħlas jew b'kull mod ieħor;

"pubblikazzjoni" tinkludi kull ħaġa, ta' liema materjal tkun, li fuqha jkunu jidhru xi kelma, stampa jew messaġġ ieħor, kemm jekk stampat jew b'xi mod ieħor;

"preskritt" tfisser preskritt b'regolamenti magħmula taħt dan l-Att;

"prodott tat-tabakk" tfisser prodotti għall-finijiet ta' tipjip magħmulin kollha kemm huma jew f'parti minnhom mit-tabakk;

"reklamar" tfisser kull għamla ta' komunikazzjoni kummerċjali li jkollha l-iskop li tippromwovi, b'mod dirett jew mhux dirett, prodotti tat-tabakk;

"rekwiżiti għat-tipjip" tfisser ir-rekwiżiti għat-tipjip tat-tabakk jew li jkunu prinċipalment meħtieġa għall-preparazzjoni tat-tipjip tat-tabakk, u tinkludi makni għall-brim tas-sigarretti, il-karta tas-sigarretti jew kull materjal ieħor li jgħatti s-sigarrett, filtri tas-sigarretti, bokkini tas-sigarri jew tas-sigarretti, pipi jew apparat għat-tindif tal-pipi, u kull apparat ieħor użat għall-preparazzjoni tas-sigarretti jew sigarri;

"servizzi ta' soċjetà ta' informazzjoni" tfisser servizzi fil-kuntest tat-tifsira ta' l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 98/34/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju ta' l-1998 li tistipula proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' *standards* u regolamenti tekniċi u ta' regoli dwar Servizzi ta' Soċjetà ta'

Informazzjoni kif emendati bid-Direttiva 98ċ48 EC (pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea taħt ir-riferenza OJ L 204, 21.7.1998 1937 u OJ L 217, 5.8.1998, rispettivament);

"sigarrett" tinkludi tabakk imqatta' mibrum fil-karta, werqa tat-tabakk jew kull materjal ieħor f'dik l-għamla li tista' minnufih tintuża għat-tipjip;

"sponsorjar" tfisser kull għamla ta' kontribuzzjoni pubblika jew privata għal xi avveniment, attività jew individwu bil-għan jew effett dirett jew mhux dirett li ssir il-promozzjoni ta' prodott tat-tabakk;

"Suprintendent" tfisser is-Suprintendent għas-Saħħa Pubblika;

"tabakk" tinkludi sigarretti u dak it-taħlit għat-tipjip li hu maħsub bħala sostitut għat-tabakk, u tinkludi kull prodott tat-tabakk;

"uffiċjal awtorizzat" tinkludi lil kull persuna assenjata fid-Dipartiment tas-Saħħa awtorizzata kif imiss mis-Suprintendent biex teżerċita kull setgħa tas-Suprintendent skond dan l-Att, u tinkludi wkoll uffiċjali tal-pulizija.

Applikabbiltà.

Kap. 31.

**3.** Ebda disposizzjoni f'dan l-Att ma għandha tapplika għal tabakk jew materjal użat bħala sostitut għat-tabakk li jitqiesu li huma preparati mediċinali jew veleni taħt l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew xi liġi oħra li tista' tidħol fis-seħħ minflok dik l-Ordinanza.

Projbizzjoni ta' reklamar.
*Emendat: IX. 2003.52.*

**4.** (1) Ebda persuna ma għandha tirreklama permezz tat-televiżjoni, ir-radju jew kull mezz ieħor tax-xandir, jew fis-swali taċ-ċinematografija, sigarretti, sigarri jew kull għamla oħra ta' tabakk, prodott tat-tabakk jew rekwiżiti għat-tipjip.

(2) Ir-radju, it-televiżjoni u programmi oħra mxandra b'mezzi oħra ma għandhomx ikunu sponsorjati minn impriżi li l-attività prinċipali tagħhom tkun il-manifattura jew il-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk.

(3) Ebda prodott tat-tabakk ma għandu jġib l-isem tad-ditta, *trade mark*, emblema jew fattizz distintiv ieħor ta' xi prodott jew servizz ieħor, kemm-il darba dak il-prodott tat-tabakk ma jkunx qabel ġie kkummerċjat taħt dak l-isem tad-ditta, *trade mark*, emblema jew fattizz distintiv ieħor qabel dak il-proġett l-ieħor.

(4) L-isem tad-ditta, *trade mark*, emblema u kull fattizz distintiv ieħor ta' prodott jew servizz għandhom ikunu ppreżentati b'mod għalkollox distint minn dak użat għall-prodott tat-tabakk.

Eċċezzjonijiet.
*Emendat: IX. 2003.55.*

**5.** Id-disposizzjonijiet ta' l-aħħar artikolu li jiġi minnufih qabel dan ma japplikawx għal gazzetti jew rivisti barranin li jiġu mportati f'Malta u li l-għan ewlieni tagħhom ma jkunx dak li jirreklamaw l-oġġetti msemmija jew xi wħud minnhom, jew li jkollu x'jaqsam mal-kummerċ ta' dawk l-oġġetti.

**6.** (1) Kull reklamar fl-istampa u f'pubblikazzjonijiet oħra stampati għandu jkun limitat għal pubblikazzjonijiet esklużivament intiżi għall-professjonisti li jkunu jaħdmu fin-negozju tat-tabakk u għal pubblikazzjonijiet li jkunu stampati u ppubblikati f'pajjiżi oħra, meta dawk il-pubblikazzjonijiet ma jkunux prinċipalment intiżi għas-suq lokali.

Projbizzjoni ta' tqassim b'xejn jew xi metodu ieħor ta' promozzjoni. *Sostitwit: IX. 2003.54.*

(2) Ikun ipprojbit kull reklamar ieħor fl-istampa u f'pubblikazzjonijiet stampati oħra.

(3) Reklamar li ma jkun la permess fl-istampa u lanqas f'pubblikazzjonijiet stampati oħra ma għandux ikun permess f'servizzi ta' soċjetà ta' informazzjoni.

**6A.** (1) Għandu jkun projbit l-isponsorjar ta' avvenimenti jew attivitajiet li jkunu jinvolvu lil diversi Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jew li xort'oħra jkollhom effett transkonfini.

Sponsorjar. *Miżjud: IX. 2003.54.*

(2) Kull tqassim b'xejn ta' prodotti tat-tabakk fil-kuntest ta' l-isponsorjar ta' avvenimenti kif imsemmi fis-subartikolu (1), li jkollu l-iskop jew l-effett dirett jew mhux dirett li jippromwovi dawk il-prodotti, għandu jkun projbit.

**7.** (1) Huwa d-dmir ta' kull proprjetarju, kull detentur ta' liċenza, kull makkinista jew kull persuna oħra li matul xi żmien tkun qiegħda taġixxi f'dik il-kariga f'sala ċinematografika, illi jiżguraw li minnufih qabel il-bidu tal-wiri ta' kull *film* u minnufih wara l-intervall, qabel it-tkomplija tal-*film* għandu jintwera fuq l-iskrin avviż dwar is-saħħa skond kif ikun jidhirlu xieraq is-Suprintendent, għal dak it-tul ta' żmien, u għal kull darba, skond kif ikun preskritt, flimkien ma' avviż li t-tipjip fis-sala ċinematografika hu projbit bil-liġi.

Għandhom jintwerew avviżi dwar is-saħħa fis-swali ċinematografiċi. *Emendat: IX. 2003.53.*

(2) Huwa d-dmir ta' kull persuna li tkun qed tmexxi stazzjon tax-xandir illi tiżgura illi qabel il-wiri ta' kull *film* jew xandira oħra li fiha tipjip jew xi oġġetti minn dawk imsemmijin fl-artikolu 4, huma murija jew imsemmija, li xxandar minnufih qabel il-wiri tal-*film* jew dak il-programm l-ieħor, avviż dwar is-saħħa kif imsemmi fis-subartikolu (1).

**8.** (1) Kull pakkett tas-sigarretti u kull prodott tat-tabakk ieħor importat, mibjugħ, imqassam jew fornut, sew jekk jingħata jew ma jingħatax kumpens, għandu jkollu fuqu dik l-informazzjoni, inkluża informazzjoni dwar l-ingredjenti u l-kwantititajiet tagħhom.

Avviżi dwar is-saħħa fuq pakketti. *Sostitwit: IX. 2003.56.*

(2) Għall fini tas-subartikolu (1) u għal kull fini ieħor ta' dan l-Att, is-Suprintendent jista' jitlob lill-manifatturi u lill-importaturi tas-sigarretti u prodotti tat-tabakk jissottomettu lista ta' l-ingredjenti kollha u tal-kwantitajiet relattivi li jintużaw fil-manifattura ta' tali prodotti tas-sigarretti jew tat-tabakk.

**9.** Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għall-aħjar twettiq tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u sabiex inaqqas il-ħsara li tirriżulta mill-konsum tat-tabakk jew prodotti tat-tabakk, u b'mod partikolari u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dik is-setgħa, jista' jagħmel regolamenti għal kull wieħed jew xi wieħed

Regolamenti. *Sostitwit: IX. 2003.56.*

minn dawn l-iskopijiet li ġejjin:

(*a*) biex jippreskrivi li l-avviżi dwar is-saħħa skond dawk imsemmija fl-artikolu 10 għandhom jitwaħħlu f'pożizzjonijiet prominenti f'postijiet pubbliċi u fuq vetturi li jkollhom liċenza jew li jintużaw għat-trasport pubbliku, u li d-detentur tal-liċenza u s-sewwieq ikollhom id-dmir, skond il-każ, li jħarsu dak ir-regolament;

(*b*) biex jippreskrivi l-inqas kontenut permissibbli ta' qatran, nikotina u kontenut ieħor li jista' jkun fihom is-sigarretti jew għamliet oħra ta' tabakk jew prodotti tat-tabakk, u l-ogħla riżultat ta' dawk is-sustanzi li jistgħu jinkisbu minnhom;

(*ċ*) biex jippreskrivi il-kondizzjonijiet li taħthom il-bejgħ jew it-tqassim ta' sigarretti, sigarri jew prodotti oħra tat-tabakk għandhom ikunu projbiti jew ristretti;

(*d*) biex jipprojbixxi jew jikkontrolla kull reklam li jkun b'mod dirett jew mhux dirett konness mat-tabakk jew mat-tipjip tat-tabakk;

(*e*) biex jikkontrolla n-numru ta' sigarretti li jistgħu jiġu offerti għall-bejgħ bħala pakkett wieħed bl-imnut, u sabiex jipprojbixxi l-bejgħ ta' sigarretti sfużi:

Iżda l-Ministru ma għandux jagħmel regolamenti li jipprojbixxu l-bejgħ ta' pakketti ta' sigarretti li jkun fihom dak in-numru ta' sigarretti bħall-pakketti tas-sigarretti li jkun hemm għall-bejgħ fil-jum tal-bidu fis-seħħ ta' dan il-paragrafu;

(*f*) biex jikkontrrolla l-mod kif jiġu ppreżentati s-sigarretti, sigarri u prodotti oħra tat-tabakk;

(*g*) biex jipprojbixxi jew jikkontrolla t-tipjip f'xi post jew parti minnu; u

(*h*) biex jippreskrivi kull ħaġa oħra li tista' jew li tkun meħtieġa li tiġi preskritta b'dan l-Att.

Għandu jintwera avviż dwar is-saħħa fil-ħwienet. *Emendat: IX. 2003.57.*

**10.** Id-detentur ta' liċenza ta' xi fond minn fejn jinbiegħu sigarretti, sigarri, tabakk jew prodotti tat-tabakk jew rekwiżiti tat-tipjip, għandu jiżgura li jkollu avviż skond kif jidhirlu xieraq is-Suprintendent dwar il-kliem, il-format, id-daqs u l-preżentazzjoni, li jkun jindika il-perikli tat-tipjip għas-saħħa u li dan l-avviż jintwera b'mod prominenti fil-fond tiegħu sabiex jiġbed l-attenzjoni tax-xerrejja jew ta' persuni oħra li jkunu fil-fond u sabiex dan ikun jista' jintgħaraf u jinqara minnhom b'mod faċli.

Kontenut ta' qatran u ta' nikotina. *Emendat: IX. 2003.58.*

**11.** (1) Ebda sigarretti ma jistgħu jiġu mpurtati, mibjugħa, forniti jew imqassma b'kumpens jew b'kull mod ieħor kemm-il darba ma jkunx hemm stampat fuq il-pakkett jew fuq tikketta mwaħħla fuqu, dik l-informazzjoni li s-Suprintendent jista' minn żmien għal żmien jeħtieġ b'regolamenti li jagħmel.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx għas-sigarretti, sigarri, tabakk jew prodotti tat-tabakk għall-esportazzjoni u li ma jkunux mibjugħa jew distribwiti għal konsum

f'Malta.

**12.** (1) Ebda persuna ma tista' tbiegħ xi sigarretti jew għamliet oħra ta' tabakk jew prodott tat-tabakk li ma jkunux skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolament li jsir taħtu.

Kull bejgħ ikun skond l-Att u r-regolamenti. *Emendat: IX. 2003.59.*

(2) Ħadd ma jista' jbiegħ jew jawtorizza l-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk fi jew minn -

(*a*) l-imkejjen ta' sptarijiet, kliniċi, spiżeriji jew stabbilimenti tal-kura tas-saħħa oħra;

(*b*) l-imkejjen ta' skejjel, kulleġġi, jew xi istituzzjoni edukattiva oħra;

(*ċ*) faċilitajiet sportivi jew atletiċi.

**13.** (1) Ebda persuna ma tista' tbiegħ, tipprovdi jew tqassam b'kumpens jew b'kull mod ieħor, xi sigarretti, sigarri, tabakk, prodotti tat-tabakk jew rekwiżiti tat-tipjip lil min ikun għadu ma għalaqx it-tmintax-il sena, jew b'xi mod tħajjar xi persuna bħal dik biex tpejjep.

Bejgħ lil żgħażagħ. *Emendat: IX. 2003.60.*

(2) Ebda sigarretti, sigarri, tabakk jew prodott tat-tabakk ma jista' jinbiegħ minn makni tal-bejgħ awtomatiċi minbarra fejn dawn il-makni jistgħu jkunu kontrollati.

(3) Għandha tkun ir-responsabbiltà ta' min ikun f'dak iż-żmien responsabbli għal, jew ikun qed jikkontrolla, il-fond fejn tkun tinsab xi makna tal-bejgħ awtomatika li jiżgura li min ikun għadu ma għalaqx it-tmintax-il sena ma jistax juża dik il-makna.

**14.** (1) Ebda persuna ma tista' tpejjep xi sigarrett, sigarru, tabakk jew prodott tat-tabakk fuq xi mezz tat-trasport pubbliku, f'xi sala taċ-ċinematografu jew f'teatru, f'xi sptar, klinika jew istituzzjoni oħra tas-saħħa, jew f'xi *studio* ta' televiżjoni f'xi dibattitu, diskussjoni jew programm ieħor imxandar lokalment għall-wiri pubbliku sew jekk dirett jew jekk ikun reġistrat; jew f'xi post jew stabbiliment ieħor jew parti minnu skond ma l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jipprovdi permezz ta' regolamenti li jagħmel taħt dan l-Att; lanqas ma tista' xi persuna tpejjep xi oġġett bħal dak f'xi klassi, kuridur, bitħa jew *annex* ta' skola, *day home* jew postijiet simili li jintużaw mit-tfal li għandhom inqas minn tmintax-il sena.

Projbizzjoni ta' tipjip f'xi bnadi u fil-mezzi ta' trasport pubbliku. *Emendat: IX. 2003.61.*

Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu "skola" tinkludi *kindergarten*, *nursery school* jew postijiet simili.

(2) Huwa d-dmir ta' min ikun jieħu ħsieb il-bnadi msemmijin fis-subartikolu (1), u tas-sewwieq u konduttur ta' kull mezz ta' trasport pubbliku, li jiżguraw li jitwaħħal sinjal jew avviż ċar f'post jew postijiet prominenti skond ma jkun il-każ, sabiex jiġbdu l-attenzjoni għall-fatt li t-tipjip hu projbit, u jkun ukoll id-dmir ta' dik il-persuna li tiżgura li ma jsir ebda tipjip f'dawk il-bnadi jew fuq il-mezz tat-trasport pubbliku, skond ma jkun il-każ.

**15.** Ebda persuna ma tista' timporta, timmanifattura, tbiegħ, tipprovdi jew tqassam b'kumpens jew b'kull mod ieħor xi ħelu, ikel tal-ħelu jew ġugarelli f'għamla ta' sigarretti, sigarri jew pipa.

Bejgħ, eċċ., ta' ħelu, eċċ., f'għamla ta' sigarretti.

Iġjene fi ħwejjeġ ta' l-ikel.

**16.** Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jiżdiedu u mhux jitnaqqsu mid-disposizzjonijiet ta' xi liġi li tipprojbixxi jew li hi ta' restrizzjoni għat-tipjip ta' tabakk għall-finijiet ta' iġjene fi ħwejjeġ ta' l-ikel.

Reat minn korp jew assoċjazzjoni.

**17.** Meta reat taħt jew kontra xi disposizzjoni ta' dan l-Att jiġi kommess minn kumpannija jew assoċjazzjoni jew xi korp ieħor ta' persuni jew enti morali stabbilit bil-liġi, kull min fiż-żmien tat-twettiq tar-reat kien direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal simili ieħor ta' din il-kumpannija, assoċjazzjoni jew korp ieħor ta' persuni jew enti morali stabbilit bil-liġi jew ta x'wieħed jifhem li kien qiegħed jaġixxi f'xi kapaċità bħal din, għandu jitqies li hu ħati ta' dak ir-reat sakemm huwa ma jġibx prova li r-reat twettaq mingħajr ma huwa kien jaf u li huwa kien għamel kull ma seta' biex iżomm milli jitwettaq ir-reat.

Reati u pieni. *Emendat: IX. 2003.62; A.L. 424 ta' l-2007.*

**18.** (1) Kull min jikser jew jonqos milli jwettaq xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolament li jsir taħt dan l-Att, għandu jinstab ħati ta' reat kontra dan l-Att.

(2) Kull min jinsab ħati ta' reat kontra dan l-Att jew kontra regolamenti magħmulin taħt dan l-Att jista', mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà li jkollu taħt kull liġi oħra, jeħel, meta jinsab ħati għall-ewwel darba, multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) u mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), u meta l-att jew l-ommissjoni li jkunu jagħmlu r-reat jibqgħu għaddejin għal iktar minn ġurnata, il-Qorti għandha iktar minn hekk timponi multa ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) u mhux iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) għal kull ġurnata li matulha dak l-att jew ommissjoni jibqa' għaddej, u meta jkun hemm sejbien ta' ħtija għat-tieni jew aktar drabi, b'żieda ma' dawk il-pieni, u, fuq talba tal-prosekuzzjoni, għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur, u għas-sospensjoni tal-liċenza ta' xi fond jew mezz tat-trasport pubbliku fejn ikun sar ir-reat, għal perjodu ta' mhux inqas minn ġimgħa u mhux iżjed minn xahar.

Kumitat dwar it-Tipjip u s-Saħħa. *Emendat: IX. 2003.63.*

**19.** (1) Għandu jitwaqqaf Kumitat li jkun magħruf bħala l-Kumitat dwar it-Tipjip u s-Saħħa, 'il quddiem imsejjaħ bħala l-Kumitat, li jkun magħmul minn:

(*a*) is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, bħala *Chairman*, jew ir-rappreżentant tiegħu;

(*b*) id-Direttur ta' l-Edukazzjoni jew ir-rappreżentant tiegħu;

(*ċ*) is-Segretarju fil-Ministeru tal-Finanzi jew ir-rappreżentant tiegħu;

(*d*) id-Direttur tal-Promozzjoni tas-Saħħa, jew ir-rappreżentant tiegħu;

(*e*) ħames membri li jiġu maħturin mill-Ministru tas-Saħħa kif ġej:

(i) uffiċjal inkarigat mill-promozzjoni tas-saħħa

mid-Dipartiment tas-Saħħa;

(ii) membru wieħed ta’ Assoċjazzjoni tal-Konsumaturi;

(iii) membru wieħed mill-organizzazzjoni voluntarja li għandha interess li tnaqqas ir-riskji li hemm għas-saħħa li joħorġu mit-tipjip; u

(iv) żewġ membri oħrajn.

(2) Il-membri msemmijin fis-subartikolu (1)(*e*) għandhom jinħatru għal dak iż-żmien u taħt dawk il-kundizzjonijiet li jiġu ndikati lilhom fl-ittra ta’ ħatra rispettiva tagħhom.

(3) Il-Ministru għandu jaħtar uffiċjal pubbliku sabiex ikun Segretarju tal-Kumitat.

(4) Ikun id-dmir ta’ dan il-Kumitat li jagħti parir lill-Ministru fuq kull miżura, inkluża l-leġislazzjoni, li tista’ tkun meħtieġa jew spedjenti sabiex inaqqas ir-riskju li hemm għas-saħħa li joħroġ mill-konsum ta’ tabakk jew prodotti tat-tabakk u sabiex jikkoordina u jġib ’il quddiem dawk l-attivitajiet li għandhom x’jaqsmu mal-prevenzjoni u l-kontroll ta’ tipjip ta’ dawn il-prodotti.

(5) Bla ħsara għal dak li hemm provdut f’dan l-Att, il-Kumitat jista’ jaġixxi nonostanti kull vakanza fost il-membri tiegħu u jista’ jirregola l-proċedura tiegħu stess.